BirdLife
MALTA

# Issa hu l-mument opportun biex il-Gvern jgħaddi l-infurzar f'idejn l-ERA

## BirdLife Malta tirreaġixxi għar-riżenja tal-kap tad-WBRU

Wara r-riżenja tal-kap tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU) Sergei Golovkin, BirdLife Malta tħoss li dan huwa l-mument opportun biex il-Gvern jgħaddi r-responsabbiltajiet tal-infurzar tal-liġijiet tal-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi f'idejn l-Awtorità Maltija tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Kien ċar sa mill-bidu li din it-taqsima falliet milli tilħaq uħud mill-miri prinċipali tagħha, l-aktar dawk relatati mal-infurzar, minħabba n-nuqqas ta' kompetenza f'dan il-qasam, speċjalment fejn għandu x'jaqsam mal-ornitoloġija. BirdLife Malta tinsisti li kienet, u tibqa', il-politika tal-Gvern li tiddetermina kif l-aġenziji tiegħu, u allura anke l-impjegati taċ-Ċivil fi ħdanhom, joperaw.

BirdLife Malta temmen bis-sħiħ li waqt li d-WBRU għandha tibqa' l-aġenzija li tissorvelja d-derogi mid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar u d-dmirijiet amministrattivi u leġiżlattivi marbutin magħha, ir-responsabbiltà tal-infurzar għandha tiġi mgħoddija lura f'idejn l-ERA li għandha persuni kompetenti li għandhom il-ħiliet meħtieġa biex jieħdu ħsieb l-infurzar b'mod aktar effiċjenti.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

